# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 66

Il-Ħamis 22 ta' Ġunju 2023

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 'Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq Profs Ġuże' Aquilina, Il-Munxar, MXR 1012, Għawdex' nhar il-Ħamis 22 ta' Ġunju 2023 fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Damien Spiteri – Sindku
Is-Sinjura Carmela Parnis – Viċi-Sindku
Is-Sur Mark Busuttil – Kunsillier
Is-Sinjura Juliet Attard - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

Is-Sur Joseph Cauchi – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Damien Spiteri ppresjeda l-laqgħa.

### 66.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

66.1.1 Is-Sindku għarraf lill-membri preżenti li l-Kunsillier Joseph Cauchi informa lill-Kunsill li ser ikun indispost minħabba raġunijiet personali. Il-membri tal-Kunsill aċċettaw l-apoloġija.

### 66.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

66.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 64 u l-minuti tal-laqgħa b'urġenza bin-numru 65 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

66.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti. Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

66.2.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Dawk preżenti kienu favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

### 66.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

66.3.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li bħalma diġà ġew infurmati, l-inawgurazzjoni tax-xogħlijiet ta' restawr tat-torri tax-Xlendi kellha tiġi posposta minħabba l-previżjoni ta' riħ qawwi u ser titmexxa għal nhar il-Erbgħa 5 ta' Lulju 2023 fis-7.00 ta' filgħaxija. Din ser tixxandar *live* fuq il-paġna tal-Kunsill fil-midja soċjali u ser jiġi provdut trasport. Is-Sindku qal ukoll li minnbarra d-diskors tiegħu ser isiru diskorsi mill-Perit tal-proġett Hermann Bonniċi, mill-Professur Timmy Gambin f'isem Heritage Malta, mis-Segretarji Parlamentari l-Onorevoli Dr Chris Bonnett u L-Onorevoli Alison Zerafa Civelli, kif ukoll mill-Ministru l- Onorevoli Clint Camilleri. Is-Sindku ppropona wkoll li ssir irħama kommemorattiva. Kien hemm qbil dwar dan mill-membri preżenti.

66.3.2 Is-Sindku għarraf lill-membri li ġie avviċinat minn persuni li jiffrekwentaw il-*pitch* tal-boċċi sabiex il-Kunsill jakkwista sett boċċi biex dawn id-dilettanti jagħmlu użu minnhom. Kien hemm qbil mill-membri dwar din il-proposta sabiex din it-tradizzjoni tibqa' ħajja fil-komunita'.

66.3.3 Is-Sindku ppropona sabiex tiġi organizzata ħarġa soċjo-kulturali ġewwa Għawdex fis-6 ta' Lulju 2023 u oħra f'Malta fil-11 ta' Lulju 2023 għar-residenti. Kien hemm qbil mill-membri sabiex il-Kunsill joħroġ l-avviżi u jħallas it-trasport.

66.3.4 Is-Sindku ppropona sabiex f'isem il-Kunsill tiġi organizzata ġita lejn l-Italja bejn il-11 u l-15 ta' Settembru 2023. Kien hemm qbil mill-membri sabiex jithejja programm u jinħareġ avviż bieb bieb.

66.3.5 Is-Sindku għarraf lill-membri li saret il-laqgħa ta' kull xahar mal-membri tal-Pulizija tal-Komunita' u mas-Supretendent tal-Pulizija. F'din il-laqgħa ġew diskussi diversi materji fosthom ir-riżorsi umani tal-Pulizija fix-Xlendi, il-problemi tal-imwejjed u s-siġġijiet tar-ristoranti, il-problemi tal-iskart, kif ukoll id-dgħajjes u l-vetturi abbandunati fix-Xlendi.

66.3.6 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni sabiex issir proposta lill-Transport Malta għall-immaniġjar aħjar tat-traffiku fi Pjazza Anfori fix-Xlendi minħabba li waqt l-għeluq tat-toroq tas-Sajf kien qed ikun hemm konġestjoni tat-traffiku. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

66.3.7 Is-Sindku informa lill-membri li kellu laqgħa ma rappreżentant mis-sezzjoni tas-CMU fi ħdan il-Ministeru Għal Għawdex sabiex tibda manutenzjoni fi Pjazza Anfori, huwa saħaq li jekk ma tingħatax għajnuna ċertu xogħol isir mill-Kunsill. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

66.3.8 Is-Sindku għarraf lill-membri li talab sabiex issir laqgħa mad-Direttur il-ġdid fis-sezzjoni tal-agrikultura fi ħdan il-Ministeru Għal Għawdex sabiex isir xogħol ta' żbir tas-siġar fi Pjazza Anfori.

66.3.9 Dwar il-vetturi abbandunati madwar il-lokalita', is-Sindku ppropona sabiex il-Kunsill jieħu parir legali. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

## 66.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;

66.4.1 Il-Viċi Sindku Carmela Parnis, staqsiet dwar l-imwejjed u s-siġġijiet li tpoġġew fil-*belvedere* pubbliku taħt ir-ristorant 'Terrazzo'. Is-Sindku għarraf lill-membri li dan inġab għall-attenzjoni tal-Pulizija u l-awtoritajiet li sfortunatament sa issa ma sar xejn dwar dan min-naħa tagħhom. Is-Sindku fakkar lill-membri li s-sena l-oħra l-Kunsill laqqa' lil rappreżentanti ta' l-Awtorita' Maltija għat-Turiżmu, l-Awtorita' tal-Artijiet kif ukoll lill-Pulizija fejn il-Kunsill ġie mwiegħed il-koperazzjoni tagħhom iżda fil-prattika rriżulta fin-negattiv.

66.4.2 Il-Kunsillier, Juliet Attard, staqsiet dwar l-għeluq ta' parti mill-bankina fi Triq ir-Rabat k/ma' Triq il-Madonna tal-Karmnu fix-Xlendi minħabba sit ta' kostruzzjoni. Kien hemm qbil sabiex tiġi nfurmata l-awtorita' kompetenti dwar dan.

66.4.3 Il-Kunsillier, Juliet Attard staqsiet ukoll dwar il-possibilita' li s-sezzjoni tas-sanita' tagħmel spezzjonijiet fit-toroq: Triq 12 ta' Diċembru 1957, Triq Ras il-Bajjada u Triq San Pawl minħabba xi rapporti ta' ġrieden.

## 66.5 Proġetti fil-Lokalita';

66.5.1 Dwar l-inawgurazzjoni tal-proġett ta' restawr tat-Torri tax-Xlendi, proġett ko-finanzjat minn fondi Ewropej, is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta kwotazzjonijiet kif ukoll rapport ta' evalwazzjoni dwar xi servizzi b'rabta mal-inawgurazzjoni. Kien hemm qbil mill-membri sabiex il-Kunsill jakkwista s-servizzi tal-orħos offerenti li huma Citadel Video Communications Ltd għas-servizz ta' xandir fuq il-mezzi soċjali, Michael Bugeja għas-servizz ta' dwal u truss, BCD Graphics Ltd għas-servizz ta' printjar ta' *flyers* u pubblikazzjoni ta' ktejjeb, Oliver Smart Signs għall-akkwist ta' *banner* u plakka kommemorattiva, u, Focus Fotos għas-servizzi ta' fotografu.

66.5.2 Is-Sindku għarraf lill-membri li l-Kunsill irċieva mingħand Transport Malta li ma sabux oġġezzjoni sabiex tiġi rilokata l-*waste depot* ta' Pjazza Anfori fix-Xlendi. L-applikazzjoni (DNO) mal-Awtorita tal-Ippjanar għandha tiġi fi kkonfermata sat-22 ta' Lulju 2023.

66.5.3 Is-Sindku informa lill-membri dwar il-proġett tad-daħla tal-Munxar fi Triq Santa Dminka fejn bħalissa għaddejja l-korrispondenza mal-Awtorita' tal-Ippjanar dwar l-applikazzjoni għall-fondi għal dan il-proġett, kif ukoll qed jiġu ffinalizzati d-dokument għas-sejħa għall-offerti.

## 66.6 Approvazzjoni tal-*Quarterly Financial Report*: Jannar 2023 – Marzu 2023 (L-ewwel kwart);

66.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-rapport finanzjarju ta' kull kwart mill-1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Marzu 2023 li ntbagħat wkoll għall-attenzjoni tal-membri permezz ta' *email*.
Ir-rapport finanzjarju tal-ewwel kwart Jannar 2023 – Marzu 2023 ġie approvat unanimament mill-membri preżenti u ffirmat mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 66.7 Korrispondenza, ilmenti / suġġerimenti u rapporti;

66.7.1 Il-Kunsill irċieva kuntratt għall-finanzjament tal-attivitajiet 'I Love Xlendi 2023' mingħand il-Ministeru Għal Għawdex, li se jsiru kull nhar ta' Ħadd bejn it-2 ta' Lulju 2023 u s-17 ta' Settembru 2023 quddiem il-bajja tax-Xlendi, filwaqt li kull nhar ta' Sibt issir 'Il-Fjakkolata Tradizzjonali'. Dan wara applikazzjoni li l-Kunsill issottometta magħhom fejn irnexxielu jakkwista s-somma ta' €25,950 għal dawn l-attivitajiet. Il-Kunsill innota l-kontenut u kien hemm qbil sabiex dan jiġi ffirmat.

66.7.2 Il-Kunsill irċieva konferma tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni għall-iskema maħruġa mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali SPI/SCI/03/2023: World Cleanup Campaign 2023. Il-Kunsill innota l-kontenut filwaqt li jistenna l-eżitu ta' din l-applikazzjoni.

66.7.3 Il-Kunsill irċieva kuntratt għall-finanzjament taħt l-iskema maħruġa mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali SPI/SCI/1/2023: Skema għall-Attivitajiet Kulturali 2023/2023. Dan wara applikazzjoni li l-Kunsill issottometta fejn irnexxielu jakkwista s-somma ta' €18,000 biex terġa' tittella l-attivita' *Munxar Fireworks and Gastronomy Festival* għat-tielet sena konsekuttiva.

66.7.4 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali b'rakkommandazzjoni sabiex il-Kunsill jinstalla magni tal-EPOS fl-uffiċini tiegħu filwaqt li jesplora l-offerti kollha fis-suq inkluż magni li jaċċettaw il-*cards* kollha. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

66.7.5 Il-Kunsill irċieva korrispondenza b'konferma li kemm id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali kif ukoll l-Uffiċċju tal-Awditur Ġenerali rċevew ir-risposta tal-Kunsill fir-rigward tal-Ittra ta' Direzzjoni mill-Awdituri. Il-Kunsill innota l-kontenut.

66.7.6 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand l-aġenzija LESA fejn qed jinfurmaw lill-Kunsilli li l-kontravenzjonijiet li se jkunu qed jinħarġu wara superviżjoni mill-uffiċċjali tagħhom tal-CCTV *cameras* proprjeta' tal-Kunsilli, l-10% ħlas amministrattiv relatati ser ikunu qed jgħaddu lill-Kunsill rispettiv bħala għajnuna finanzjarja addizzjonali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

66.7.7 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali b'approvazzjoni ta' fondi addizzjonali kemm mill-istess Diviżjoni u anke min-naħa tal-Ministeru tal-Finanzi fir-rigward taż-żewġ applikazzjonijiet għat-talbiet tal-kumpens imressqa mill-kuntrattur tax-xogħlijiet tal-Pjazza tal-Knisja u ta' Triq L-Isqawi fil-Munxar. Il-Kunsill innota l-kontenut filwaqt li se jkun qed jistenna li jseħħ it-trasferiment ta' dawn il-fondi addizzjonali.

66.7.8 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Gozo Action Group Foundation (GAGF) b'informazzjoni dwar il-Laqgħa Ġenerali Annwali tagħhom għas-sena 2022 li se ssir nhar it-30 ta' Ġunju 2023 fis-6.00pm ġewwa NGO Centre fix-Xewkija. Il-Kunsill innota l-kontenut.

66.7.9 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Santwarju Bażilika Marija Bambina tax-Xagħra Għawdex, bi stedina għall-quddiesa tas-Sibt 19 t'Awwissu 2023 fl-okkażjoni tal-50 sena mill-inkurunazzjonital-istatwa ta' Marija Bambina. Il-Kunsill innota l-kontenut.

66.7.10 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali b'ringrazzjament lil dawk li attendew għall-Plenarja filwaqt li stieden lill-membri tal-Kunsill għall-attivita 'Kewkba-Lejla Lokali' ġewwa l-Barrakka ta' fuq nhar it-22 ta' Lulju 2023 fl-anniversarju ta' 30 sena mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

66.7.11 Il-Kunsill irċieva kwotazzjoni sabiex jiġu nstallati żewġ CCTV *cameras* li jagħtu għal Triq San Xmun u Pjazza Anfori fix-Xlendi, liema sit kien ġie identifikat wkoll għall-żieda fis-sigurta'. Kien hemm qbil mill-membri sabiex dawn jiġu nstallati mill-aktar fis.

66.7.12 Il-Kunsill irċieva notifika mill-Awtorita' tal-Ippjanar b'avviż ta' infurzar fuq sit fi Triq il-Kantra fix-Xlendi. Il-Kunsill innota l-kontenut.

66.7.13 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Perit Johan Camilleri f'isem Road Construction Co. Ltd. li qed jagħmlu xogħlijiet lill-Korporazzjoni Għas-Servizzi tal-Ilma fi Triq Għajn Tuta. F'din il-korrispondenza, il-Perit Camilleri jisħaq li x-xogħlijiet qed isiru bil-galbu iżda ġibed l-attenzjoni għall-istat ħażin tal-ħitan li qed iżommu lil din it-triq. Wara diskussjoni bejn il-membri dwar din il-korrispondenza, ħarġu xi punti fosthom li f'każ li ċċedi t-triq konsegwenza ta' dawn il-ħitan li jinsabu fi stat ħazin, tali xogħol ikun fir-responsabilita' tal-Ministeru Għal Għawdex u għalhekk din il-korrispondenza kellha tinkludi wkoll uffiċċjali mill-Ministeru Għal Għawdex.

66.7.14 Ċirkulari DLG numru 12/2023 – Termini u Kundizzjonijiet ġodda tal-Fonta ta' Ko-Finanzjament. Il-Kunsill innota l-kontenut.

66.7.15 Ċirkulari Nru AKL 2023/043 – Active Ageing and Community Care – Elderly Services Application Form. Il-Kunsill innota l-kontenut.

66.7.16 Ċirkulari Nru AKL 2023/044 – Laqgħa Plenarja 17 ta' Ġunju 2023. Il-Kunsill innota l-kontenut.

66.7.17 Ċirkulari Nru AKL 2023/045 – LESA – Fondi għall-Infurzar waqt l-Attivitajiet fil-Lokal. Il-Kunsill innota l-kontenut.

66.7.18 Ċirkulari Nru AKL 2023/046 – Post Vakanti Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali – Assistent Prinċipal Skala 11. Il-Kunsill innota l-kontenut.

66.7.19 Ċirkulari Nru AKL 2023/047 – The Aġenzija Żgħazagħ Summer Programme on the Local Council's Social Portals. Il-Kunsill innota l-kontenut.

66.7.20 Ċirkulari Nru AKL 2023/048 – Notifika dwar ġbir ta' skart nhar l-Erbgħa 7 ta' Ġunju 2023. Il-Kunsill innota l-kontenut.

66.7.21 Ċirkulari Nru AKL 2023/049 – Survey of locally elected politicians for the European Committee of Regions. Il-Kunsill innota l-kontenut.

66.7.22 Ċirkulari Nru AKL 2023/050 – National STEM Awards 2023. Il-Kunsill innota l-kontenut.

66.7.23 Ċirkulari Nru AKL 2023/051 – Join our M.Sc. in Governance Programme at IDEA Academy. Il-Kunsill innota l-kontenut.

66.7.24 Ċirkulari Nru AKL 2023/052 – Meeting in Gozo re Charging Pillar installations in Gozitan Localities. Il-Kunsill innota l-kontenut u s-Sindku kkonferma li ser jattendi għal din il-laqgħa.

66.7.25 Ċirkulari Nru AKL 2023/053 – Clean up – Ministry for Environment. Il-Kunsill innota l-kontenut.

66.7.26 Ċirkulari Nru AKL 2023/054 – Summer Gala Dinner 2023. Il-Kunsill innota l-kontenut.

66.7.27 Ċirkulari Nru AKL 2023/055 – Scholarship Schemes within MEYR. Il-Kunsill innota l-kontenut.

66.7.28 Ċirkulari Nru AKL 2023/056 – European Health Insurance Card (EHIC) info. Il-Kunsill innota l-kontenut.

66.7.29 Ilment 22/2023
Residenta tilmenta dwar żewġ parkeġġi riżervati għall-persuni b'diżabilita' fix-Xlendi li ma jistgħux jintużaw minħabba sit ta' kostruzzjoni, filwaqt li titlob sabiex jiġu rilokati. Is-Sindku fakkar lill-membri li aktar kmieni f'din il-laqgħa ġie deċiż li jiġu nfurmati l-awtoritajiet kompetenti sabiex ix-xibka li qed iddawwar is-sit ma tokkupax il-parkeġġi.

66.7.30 Ilment 23/2023
Persuna tilmenta dwar qsari li qed jitpoġġew fuq bankina fi Triq Żgħawri illegalment. Kien hemm qbil mill-membri sabiex tinġibed l-attenzjoni tal-Pulizija tal-Komunita'.

66.7.31 Ilment 24/2023
Residenta tilmenta dwar ristoranti fix-Xlendi li qed ikollhom il-mużika għolja anke wara l-11.00pm. Is-Sindku għarraf lill-membri li diġa' nġibdet l-attenzjoni lill-Pulizija waqt l-aħħar laqgħa magħhom.

66.7.32 Ilment 25/2023
Persuna titlob sabiex jitranġa passaġġ fil-Wied tax-Xlendi. Is-Sindku għarraf li s-sezzjoni ta' ECO-Gozo fi ħdan il-Ministeru Għal Għawdex għandhom fond għal dan ix-xogħol.

## 66.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;

66.8.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 66/2023-8 għall-perjodu bejn id-19 ta' Mejju 2023 u t-22 ta' Ġunju 2023 li tammonta għal €75,250.28 ġiet approvata u ffirmata. Il-Kunsillier Juliet Attard kienet il-proponent filwaqt li l-Viċi Sindku Carmela Parnis is-sekondant.

## 66.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

66.9.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-7.00 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għall-Ħamis 27 ta' Lulju 2023 fil-5.30 ta' filgħaxija.

Konfermati illum, il-Ħamis 27 ta' Lulju 2023.

IFFIRMATA
Damien Spiteri
Sindku

IFFIRMATA
Ryan Debrincat
Segretarju Eżekuttiv